MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2006

Appell Kriminali Numru. 96/2006

**Il-Pulizija**

***Versus***

**Vincent Brincat**

Dan huwa appell minn sentenza li sabet lill-appellant ħati wara li ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu; l-appell huwa biss mill-piena.
L-appellant kien mixli talli fil-31 ta' Lulju 2005 għall-ħabta tas-6.00 *p.m.* ġewwa Santa Venera:
1) attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra P.C. 1112 George Buhagiar, persuna inkarigata minn servizz pubbliku filwaqt li huwa kien qed jaqdi dan is-servizz;
2) fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanzi għamel ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' l-imsemmi uffiċjal pubbliku skond kif iċċertifika Dr Patrick Farrugia M.D. ta' l-Isptar San Luqa;

3) fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
4) fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanzi qal kliem oxxen u dagħa fil-pubbliku; u
5) huwa reċidiv b'sentenzi moghtija fl-4 ta' Settembru 1995 u fis-17 ta' Lulju 1998.

Wara illi bil-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali u ta' l-appellant il-każ ġie trattat bil-proċedura sommarja, u l-appellant ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontrieh, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'sentenza tas-17 ta' Marzu 2006, wara li rat l-artt. 96, 221, 338, 49, 50 u 17 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-appellant ħati ta' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u ikkunndannatu għall-piena ta' erba' xhur priġunerija.

B'rikors ta' appell ippreżentat fit-28 ta' Marzu 2006 l-appellant talab li din il-qorti tikkonferma s-sentenza fejn sabitu ħati ta' l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu, u tirriformaha fejn tat piena ta' erba' xhur priġunerija billi tibdel il-piena f'waħda alternattiva li ma tkunx waħda ristrettiva tal-libertà tiegħu.

L-aggravju ta' l-appellant hu illi meta kiser il-liġi penali hu kien taħt l-effett ta' l-alkoħol u għalhekk dak li għamel bi ksur tal-liġi għamlu "minħabba n-nuqqas ta' kontroll fuqu nnifsu". Fid-dawl ta' dan, u fid-dawl ukoll tal-fatt illi l-akkużi "huma kollha relatati u jikkonkorru", u illi, meta ġie f'tiegħu, l-appellant talab apoloġija, il-piena fil-fehma tiegħu hija waħda esaġġerata.

Aggravju ieħor hu illi, għalkemm l-ewwel qorti ma setgħetx tagħti sentenza sospiża taħt l-art. 28 [*recte*, 28A] tal-Kodiċi Kriminali għax l-appellant kien reċidiv, xorta setgħet tagħti piena alternattiva, iżda dan ma għamlitux.

Fil-fehma ta' din il-qorti, meta tqis ir-reati li tagħhom instab ħati l-appellant, u tqis ukoll il-fatt li kien reċidiv u li għamel vjolenza fuq uffiċjal pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu, il-piena li ngħata xejn ma kienet ħarxa, u, anzi, jista' jingħad illi kienet x'aktarx ħafifa, forsi għax l-ewwel qorti żammet ukoll quddiem għajnejha l-fatti li fuqhom l-appellant qiegħed jibni l-appell tiegħu.

Din il-qorti ma tara ebda raġuni tajba għala għandha tnaqqas jew tibdel il-piena.

Għandu jingħad ukoll illi din il-qorti ma tarax illi, minħabba l-fatt illi persuna tqiegħed lilha nfisha f'sitwazzjoni ta'

“nuqqas ta’ kontroll fuqha nfisha” għax tkun ikkonsmat alkoħol jew xi sostanza oħra, b’hekk tikseb immunità mill-piena ta’ priġunerija. Anzi, il-biża’ illi jekk ittellef lilha nfisha l-kontroll tista’ tispiċċa l-ħabs huwa utli bħala inċentiv qawwi biex taħsibha sew qabel ma tagħmel hekk, u mhux tistenna li titħalla ħielsa wara li tkun għamlet ħsara lil ħaddieħor.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u twettaq f’kollox is-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti fis-17 ta’ Marzu 2006. Tordna wkoll illi tintbagħat kopja ta’ din is-sentenza lill-ewwel qorti kif irid l-art. 428(8) tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------